MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 735/2002

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Suzanne Psaila u l-istess Suzanne Psaila**

**Vs**

**Victor Schembri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi jhallas lil Untours Insurance Agents Limited nomine is-somma ta' elfejn u sitta u erbghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM2046.51,0) danni u lil Suzanne Psaila hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25) danni in segwitu ghal incident stradali li sehh il-Fgura fit-8 ta' Gunju tas-sena 2002, bejn Fiat Punto nru SUZ 104 misjuqa mill-attrici u Hyundai Accent nru BBN 098 misjuqa mill-konvenut – prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici nomine datata l-24 ta' Jannar tas-sena 2003 fejn annessa maghha hemm informazzjoni li l-istess socjeta' irceviet informazzjoni skritta li s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kienet qed tikkonferma li kienet qed taccetta r-responsabbilita' ghad-danni kkagunati mill-konvenut fl-incident in dizamina;**

**Rat ukoll id-dokument ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura fl-udjenza tal-5 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine giet informata illi s-socjeta' assikurattrici ma kinitx ser tikkontesta l-quantum involut;**

**Ghaldaqstant din il-qorti:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Victor Schembri unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' elfejn u sitta u erbghin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu,**

**(LM2046.51,0), u dawk sofferti minn Suzanne Psaila regolarment surrogata fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Victor Schembri biex ihallas l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez u bl-imghax dovuti mid-data tan-notifika ta' l-avviz odjern.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------